MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Numru. 106/2010

Il-Pulizija
**(Spettur Johann J. Fenech)**
**Vs**
**Carmel Mifsud ta' 52 sena iben Joseph u Pietra' nee' Camilleri, imwieled ix-Xaghra Ghawdex nhar il-4 ta' Mejju 1960 residenti 35, Triq Liberat Grech, Xaghra Ghawdex, ID card nr. 29160G;**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Carmel Misud li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-23 ta' Marzu 2010 u matul il-gimgha ta' qabel din id-data:

1. kellu fil-pussess tieghu id-droga **Erojina** specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta me kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-drogi msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinietx ghal uzu esklussiv tieghu**.

2. Kellu fil-pussess tieghu id-droga **Kokajina** specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li ikollu d-droga isemmija fil-pusess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dana bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll

3. kellu fil-pussess tieghu id-droga **kodejina** (DHCs) specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni dwar l-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li ikollu d-droga isemmija fil-pusess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dana bi ksur tar-regololament 8

tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) moghtija mill-Magt. Dr.E.Grima  LL.D. fid-09 ta’ Settembru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ordni maghmul mill-Avukat Generali  tas-6 ta’ Ottubru 2010 mahrug ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuza ewlenija migjuba fil-konfront tal-imputat hija dik tal-pussess aggravat tad-droga erojina.  Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fit-23 ta’ Marzu tas-sena 2010 l-pulizija tal-Iskwadra kontra d-droga ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat gewwa x-Xaghra, Ghawdex fejn hemmhekk huma elevaw diversi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga. Fost dawn l-affarijiet gew elevati zewg pipi, disa pilloli DHC go container abjad, sachet tal-plastik vojt, roll aluminium foil, pillola immarkata ICN, ammont ta’ kuccarini tal-plastik, sachet iehor vojt u bicca karta, hames sachets tal-foil illi kienu imramblin go bicca karta u mobile phone tal-ghamla Nokia. Illi wara dina s-sejba l-imputat gie arrestat u interrogat, izda fl-istqarrija tieghu, wara li rrifjuta l-jedd ghall-parir legali, huwa ghazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulu[1].

[1] Ara stqarrija Dokument Dokument JF3 a fol.16

Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza gew nominati bhala esperti l-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jaghmel analizi fuq l-oggetti elevati mir-residenza tal-imputat, kif ukoll Dr. Martin Bajada sabiex johrog il-kontenut tal-mobile phone misjub fil-pussess tal-imputat. Illi l-esperti hejjew ir-rapporti taghhom, liema rapporti jinsabu esebiti fl-atti bhala Dokumenti MM u MB[2]. Illi r-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada ma jikkostitwixxi l-ebda prova kontra l-imputat billi l-kontenut li nhareg mit-telefon cellulari tieghu ma jindika l-ebda rabta bejnu u l-akkuzi kif dedotti kontrieh.

Illi l-istess ma jistax jinghad madanakollu ghar-rigward tar-rapport imhejji mill-espert l-Ispizar Mario Mifsud. Illi fil-konkluzjonijiet li jasal ghalihom wara li jezamina l-oggetti kollha elevati mill-pulizija jinghad:

1. Illi ma instabux sustanzi illegali fil-pipa (dokument 176/11/01b) u fil-kuccarini tal-plastik (dokument 176/11/02a), kif ukoll f'bicca karta (dokument 176/11/02bi).
2. Illi z-zewg pilloli bojod u l-pillola bajda li fuqha kellha l-ittri INC (dokument 176/11/02b), instabu fi stat ta' degradazzjoni u ma instabux sustanzi ikkontrollati bil-ligi fihom.
3. Illi s-seba pilloli ta' lewn abjad u ta' ghamla ovali (dokument 176/11/02b) huma dawk maghrufa bhala Dihydrocodeine ta' doza 60mg. Dawn il-pilloli huma narcotic analgesic li huma ezentati bil-ligi skont l-ewwel skeda Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Illi fil-pipa l-ohra (dokument 176/11/01a), instabu tracci tas-sustanza kokajina.
5. Illi fil-bicca plastik (dokument 176/11/2bi) instabu fuqha tracci tas-sustanza erojina.
6. Illi fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fil-hames qratas tal-karti (dokument 176/11/02bii), f'ammont nett totali ta' 0.60 grammi, intsabet fih is-sustanza heroijna. Il-purita medja tat-trab ta' lewn kannella ghas-sustanza heroijna kienet ta' cirka 41.2%.

[2] Ara Dokument MB a fol. 26 u Dokument MM a fol. 59

7. Illi ma kienx hemm *mechanical fit* bejn il-bicciet tal-foil li kien hemm mal-qratas fid-dokument 176/11/02bii u r-roll tal-foil li kien hemm fid-dokument 176/11/02a.
8. Illi kien hemm *mechanical fit* bejn bicca karta li kien hemm fid-dokument 176/11/02bii u zewg bicciet ta' karti tal-qratas, immarkati c u e, li kien hemm fl-istess dokument.[3]

Illi ghalhekk l-uniku prova li ghandha l-Qorti f'idejha huma l-oggetti misjuba fil-pussess tal-imputat u r-rizultati tal-ezamijiet forensici li saru fuq l-istess. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi illi s-sejba ta' dawn l-oggetti tindika illi l-imputat kien qieghed iqassam id-droga f'pakketti sabiex ikun jista' jbieghha. Illi minn naha taghha d-difiza tikkontendi illi l-imputat huwa *heavy drug abuser* u kwindi l-ammont tad-droga li nstabet fil-pussess tieghu u l-oggetti l-ohra relatati mal-abbuz tal-istess kienu ghall-uzu tal-imputat. Illi l-imputat ma jixhidx u lanqas iressaq l-icken prova dwar xi dipendenza li huwa jista' ghandu fuq dina s-sustanza u kwindi ma hemmx prova fl-atti dwar jekk huwa kienx jikkonsma dina d-droga, f'liema ammont u ghalhekk x'kien il-livell ta' tolleranza tieghu ghal konsum tal-istess. Ghalhekk abbazi ta' dawn il-provi l-Qorti trid tara jekk l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat abbinati mal-oggetti l-ohra li ntsabu fil-pussess tieghu humiex tali illi jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija ghall-ewwel akkuza migjuba kontrieh.

Illi kif gie deciz fil-kawza **Il-Pulizija vs Marius Magri**[4]; "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss). Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz

[3] Ara rapport Dokument MM a fol.77 u 78
[4] App Krim. 12/05/2005

tkun bizzejjed. (Ara App.Krim. Il-Puliija vs Carmel Degiorgio" 26.8.1988) Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati ( Ara Appell. Kriminali; "Il-pulizija vs Carmel Spiteri" 2.9.1999)

Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-usu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecje li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-bon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App.Krim. Il-Pulizija vs Brian Caruana 23.5.2002)".[5]

Illi mbaghad l-artikolu 26 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

26 (1) F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinhtieg li ssir il-prova tan-nuqqas ta' licenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eccezzjoni jew difiza jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha.

Illi ghalhekk kif gie ritenut fil-kawza **Il-Pulizija vs Stephen Abela**[6], l-punti ewelenin stabbiliti mill-gurisprudenza u mill-ligi huma s-segwenti:

a. "Kull kaz irid ikun studjat ghalih

[5] Ara ukoll sentenza **Il-Pulizija vs Ninian Mangion** (App.Krim.9.3.2010) fejn il-Qorti ikkonkludiet, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, illi l-ammont ta' 13-il pillola ma kienx indikattiv illi necessarjament kien intiz ghall-ispacc. L-imputat xehed sabiex jindika l-konsum tieghu.

[6] Qorti tal-Magistrati (Imhallef Lawrence Quintano) – 08/04/2005 ikkonfermata fil-Qorti ta'l-Appell decizjoni moghtija fit-18 ta' Awwissu 2005.

b. Indizju wiehed huwa bizzejjed biex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-pussess huwa wiehed aggravat.
c. Meta tinstab ammont konsiderevoli ta’ droga (u ma jkunx hemm xi indizji ohra), il-Qorti tista’ (ghalkemm mhux bilfors) tikkonkludi li jkun ippruvat il-pussess serju izda mhux dak aggravat.
d. Biex il-Qorti issib il-pussess aggravat trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni.
e. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma’ uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta’ probabbilita’ li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 26(1) tal-Kap101.”[7].

Illi stabbiliti ghalhekk dawn il-kriterji din il-Qorti tistqarr illi fl-atti ma hemm l-ebda spjegazzjoni dwar l-uzu li kien ser jaghmel l-imputat minn dina d-droga ghalkemm l-ammont misjub kien wiehed minimu. L-imputat ma jaghti l-ebda spejgazzjoni dwar x’uzu kien ser jaghmel minn dina d-droga li jidher li kienet diga giet imqassma f’dozi separati billi nstabu hamest iqratas li b’kollox kellhom piz nett ta’ 0.6 grammi ta’ droga erojina. Kwindi dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi d-droga misjuba fir-residenza tal-imputat certament ma kienx ghall-uzu personali tieghu tenut kont tac-cirkostanzi kollha u li l-imputat kien qed jipprepara d-droga f’dozi sabiex ikun jista’ jqassamha. Dana qed jinghad peress illi minn fuq il-mejda tal-kcina gew elevati tlett faccati u bicca faccata ta’ magazine u hames qratas tal-karti, li kienu separatament imgezwra go bicciet tal-foil li go fihom kien hemm trab ta’ lewn kannella. Illi gie stabbilit mill-espert Mario Mifsud illi dana t-trab ta’ lewn kannella kien droga erojina li l-piz nett tieghu kien ta’ 0.6 grammi ta’ purita gholja ta’ 41.2%. Illi nstab li kien hemm *mechanical fit* bejn il-bicca karta u zewg bicciet ta’

[7] Il-Qorti hawn ghamlet referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi fejn gie deciz: “L-ewwelnett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta’ droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma’ uzu personali u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe’ il-prova ta’l-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni. Jekk pero’ dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx ma’l-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova imqar fuq bazi ta’ probabbilita’ li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu u dan b’applikazzjoni ta’l-artikolu 26(1) tal-Kap101.”

karti ta' tnejn mill-qratas li gew elevati. Dana jfisser illi l-imputat kien qieghed jipprepara dawn il-karti sabiex jippakkja l-qratas go fihom. Illi huwa ghal kollox inverosimili dak li tikkontendi d-difiza illi dina d-droga kienet ghall-uzu tal-imputat. Dana ghaliex certament l-imputat ma kellux ghalfejn jippakkja d-droga f'dozi separati sabiex jikkonsmaha huwa stess. Illi ghalkemm il-piz tad-droga li nstabet kien minimu hafna u jista' jammonta ghall-uzu personali, madanakollu dana l-ammont kien bizzejjed biex jinhargu l-hames qratas li kien qed jipprepara l-imputat f'pakketti separati[8]. Tant hu hekk illi fil-kcina tieghu kien hemm karti ta' magazine li kienu qed jintuzaw minnu ghal skopijiet ta' pakkettar. Illi dawn ic-cirkostanzi kollha mehuda flimkien ghalhekk ma jhallu l-ebda dubbju illi l-pussess li nstab ghand l-imputat u c-cirkostanzi kollha li fihom instabet dina d-droga tindika car u tond illi dana l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Ibda biex, kif diga nghad, l-imputat ma jressaqx l-icken prova illi huwa ghandu dipendenza ta' droga. Inoltre hemm indikazzjoni cara illi l-imputat kien qed ihejji l-process ghall-ippakkjar taghha, haga illi bniedem bil-vizzju ma jaghmilx. L-ebda persuna bil-vizzju ma toqghod tintilef tippakkja droga li x'aktarx f'temp ta' gurnata jew l-iktar tnejn ikun ser jikkonsma. Illi finalment f'wahda mill-pipi li nstabet, kien hemm is-sustanza kokajina u mhux erojina li tindika illi l-imputat kien qed jaghmel uzu minn dina d-droga u mhux mill-ohra. Ma hemm l-ebda prova fl-atti jew imqar xi indizju li jista' jindika illi l-imputat kien abbuza mid-droga erojina (per ezempju xi foil mahruq, jew pipi bit-tracci ta' erojina fiha). Illi ghalhekk, abbazi ta' dawn ir-risultanzi processwali dina l-Qorti hija tal-fehma illi d-droga erojina li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Illi kif sewwa irriteniet il-Qorti tal-Appelli Kriminali:

"... mhux korrett li wiehed ighid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-*animus* li jispacca droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess

[8] Dana qed jinghad fuq kalkolu illi doza generalment tkun tikkonsisti f'0.1gramma. F'dana il-kaz d-droga kienet ta' purita gholja.

ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhux mehtiega ghall-finijiet tal-aggravvanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-qorti sal-grad tal-konvinciment morali li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma iddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum" u cioe' li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma ikollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."[9]

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat bil-pussess tad-droga kokajina. Illi dana jirrizulta ippruvat mir-rapport tal-espert Mario Mifsud li mill-analizi illi jaghmel ighid illi f'wahda miz-zewg pipi li nstabu ghand l-imputat instabu tracci tad-droga kokajina. Illi ma jidhirx illi d-difiza qed tikkontesta dina l-akkuza. Fil-fatt fil-kors tat-trattazzjoni ta' dina l-kawza, l-abbli difensur tal-imputat isostni illi dina l-akkuza qed tigi ammessa.

Finalment l-imputat jinsab akkuzat ukoll bil-pussess tad-droga kodejina. Illi dina d-droga nstabet il-forma ta' seba' pilloli ta' lewn abjad f'ghamla ovali. Illi ir-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta illi dawn il-pilloli huma ezentati bil-ligi u dana skond l-Ewwel Skeda Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

---

[9] Il-Pulizija vs Jason Mallia – 02/09/1999

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali tal-imputat u l-fatt illi huwa recidiv.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli Taqsima 4 u 6, artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjara 101.02, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija u multa ta' €500.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ihallas is-somma ta' €834.96 lir-Registratur tal-Qorti in konnessjoni ma' spejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------